MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 829/2007/1

**Assocjazzjoni GS1 Malta**

**vs**

**George Cini
ezercenti l-kummerc taht l-isem St. George's Brand**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' April, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "**I**t-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Assocjazzjoni attrici ippremettiet illi ghalkemm il-konvenut irrizenja minn membru tal-Assocjazzjoni GS1 Malta f'Lulju tal-2005, xorta wahda baqghu jiccirkolaw fis-suq prodotti bil-*barcode* u prefiss li kienu allokati esklussivament ghalih, u dan kif ser

jigi ppruvat fit-trattazjoni tal-kawza; ghaldaqstant in forza tal-Artikolu 7(3) tal-Istatut tal-Assocjazzjoni, din ta' l-ahhar qed titlob is-somma ta' sitt mija sebgha u tletin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (LM637.20) rapprezentanti kontribuzzjonijiet dovuti lilha mill-konvenut ghas-snin 2006 u 2007; illi minkejja li gie interpellat diversi drabi biex ihallas, inkluz bl-ittra bonarja datata 5 ta' April 2007, il-konvenut baqa inadempjenti; ghalhekk qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-dati ta' meta l-kontribuzzjonijiet gew dovuti, u cioe, mill-31 ta' Marzu 2006 u mill-31 ta' Marzu 2007 rispettivament, sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rata permessa mill-ligi;  illi ghall-finijiet ta' kjarezza qed jigi ddikjarat mill-assocjazzjoni attrici illi kwalsiasi somma dovuta mill-konvenut rapprezentanti kontribuzzjoni ghas-sena 2005 ai termini tal-Istatut hija suggett ta' kawza ohra pendenti quddiem dan it-Tribunal.  Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi 1) preliminarjament in-nullita' tal-procedura stante li ma gietx prezentata minn korp li ghandu personalita' guridika distinta, u dan a tenur tal-Artikolu 181A tal-Kap. 12; 2) illi sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjes stante li l-konvenut kien irrizenja mill-Assocjazzjoni u ghalhekk il-kontribuzzjoni pretiza ghas-sena 2006 u 2007 mhix dovuta; 3) illi l-Assocjazzjoni attrici mhijiex entita' kostitwita skond il-ligi u m'ghandha ebda dritt illi tippretendi li tirregola entitajiet jew persuni u/jew li tezigi hlas minghandhom; 4) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2008 fejn il-konvenut iritira l-ewwel eccezzjoni tieghu.

Ra l-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2008 fejn il-konvenut iritira t-tielet eccezzjoni tieghu.

Sema' x-xhieda ta' Margaret Camilleri prodotta mill-assocjazzjoni attrici.

Sema' x-xhieda ta' Pauline Cini prodotta mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi peress li l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut kienu gew irtirati minnu stess, jonqos issa li dan it-Tribunal jidhol fil-mertu tal-kawza odjerna fid-dawl tat-tieni, u ghalhekk, l-unika eccezzjoni li fadal tal-konvenut.

Illi skond ix-xhud Margaret Camilleri, l-konvenut kien dahal bhala membru ma l-assocjazzjoni attrici fl-14 ta' Ottubru 1999 u kien irrizenja mill-istess fl-20 ta' Lulju tas-sena 2005. Peress illi l-assocjazzjoni kellha statut f'dak iz-zmien meta l-konvenut dahal bhala membru, huwa kien iffirma li kien qed jaderixxi u li kien marbut ma dan l-istatut.

Sussegwentement gara li permezz ta' laqgha straordinarja li sehhet fit-28 ta' Marzu tas-sena 2005, dahlet klawsola ghal kollox gdida fl-istatut u cioe l-Artikolu 7(3). Dan jinqara hekk kif gej:-

*'In the case of use of barcoding, any member that decides to resign from the Association, shall ensure that no products featuring a barcode with a prefix issued by GS1 Malta is present in the market. Companies will be liable to pay GS1 Malta a fee equivalent to the annual Licence fee*

*for the period that those products remain in the marketplace.’*

Skond l-istess xhud, il-konvenut ma kienx prezenti ghal din il-laqgha alavolja kien gie avzat permezz ta’ cirkulari li ntbaghtet lill-membri kollha. L-istess xhud ikkonfermat ukoll illi l-istatut il-gdid ma kienx intbaghat lill-konvenut. Hija xehedet testwalment illi ‘*l-assocjazzjoni dejjem tibghat cirkulari flimkien ma l-agenda li jkun ser jigi diskuss waqt il-laqgha. Fejn l-agenda jkun hemm imnizzel li ser jkun hemm klawsoli godda jew xi diskussjoni dwar klawsoli li ser jinbidlu fuq l-agenda. Min jigi u jattendi ghall-laqgha ikollu mbaghad kopja ta’ l-istatut il-gdid* ***izda min ma jigix ghall-laqgha ma jinghatax kopja.*** *Naf illi s-Sinjuri Cini ma kienux prezenti ghal-laqgha tat-2005.*’

Gara li f’Awissu tas-sena 2006, l-assocjazzjoni attrici kienet ghamlet xi spezzoni gewwa Smart Supermarket u kienet sabet il-prodott ta’ *self-raising flour* ta’ St. George’s Brand (u cioe tal-konvenut) bil-*barcode* allokat lill-konvenut mill-assocjazzjoni, meta dan kien diga irrizenja mill-assocjazzjoni u ghalhekk mhux suppost kien ghadu qed juza dawn il-*barcodes.*

Ghalhekk a tenur tal-artikolu 7(3) fuq imsemmi, l-assocjazzjoni attrici qed titlob il-hlas minghand il-konvenut ta’ sentejn ‘*membership fees’* talli f’dawk is-sentejn, u cioe fil-2006 u 2007, il-konvenut baqa jaghmel uzu minn dawn il-*barcodes* allokati lilu mill-assocjazzjoni.

Illi minn-naha taghha, Pauline Cini, mart il-konvenut xehedet illi hija qatt ma kienet rat kopja tal-istatut il-gdid tal-assocjazzjoni, u lanqas ma rceviet xi ittra minghand l-istess assocjazzjoni hlief ghal xi kont u l-acknowledgement ta’ l-ittra miktuba minnha stess fejn kienu qed jirrizenjaw minn membri tal-assocjazzjoni.

Skond Pauline Cini, huma baqghu jissupplixxu l-prodotti taghhom bil-*barcode* mghotti b'sticker lil-Smart Supermarket, u li l-ahhar konsenja li saret lill-Smart Supermarket kienet f'Lulju 2006, peress illi dawn kienu qedin jezigu *barcode* fuq il-prodotti.

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, t-Tribunal ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x'jaghmel.

Fl-ewwel lok, gie pprezentat l-istatut originali, u cioe dak li kien jezisti fil-perjodu meta l-konvenut sar membru, u ghalhekk dak li kien marbut bih. Din il-versjoni tal-istatut m'ghandha assolutament xejn li jixbah l-artikolu 7(3) tal-istatut kif emendat fil-laqgha tal-2005. Ghalhekk huwa accettabbli li l-konvenut jassumi li ma kellu l-ebda obbligu li jassigura li kull prodott tieghu bil-*barcode* jitnehha mis-suq wara r-rizenja tieghu minn ma l-assocjazzjoni, u dana specjalment in vista ta' dak li ser jinghad fil-paragrafu sussegwenti.

Ma hemm l-ebda prova konkreta li ghandha twassal it-Tribunal sabiex jikkonkludi li l-konvenut gie debitament avzat bil-laqgha straordinarja li fiha l-istatut kien ser jinbidel. Di piu, t-Tribunal jidhirlu li huwa nuqqas serju da parti tal-assocjazzjoni, li ma ghaddewx kopja tal-istatut il-gdid lill-konvenut meta kienu jafu li ma kienx attenda ghall-laqgha in kwistjoni. Wara kollox ghal erba xhur wara li saret il-laqgha, l-konvenut kien ghadu membru tal-assocjazzjoni u ghalhekk kien fid-dover taghha li tavza lill-konvenut bhala membru taghha li l-istatut kien inbidel u li kienet giet mizjuda klawsola daqshekk importanti ghall-membri. Ta' dan in-nuqqas l-assocjazzjoni zgur m'ghandhiex tibbenefika.

Oltre dan, it-Tribunal josserva li filwaqt li l-konvenut jghid li huwa kien waqaf jissupplixxi il-Smart Supermarket f'Mejju tas-sena 2006, l-assocjazzjoni attrici esebiet ritratti mehudin fis-

sena 2007 li juru l-prodott tal-konvenut fuq xi xkafef - ta’ min isemmi li huwa difficli li wiehed jikkonkludi li dawn il-prodotti jinsabu prorpju fuq l-ixkafef tal-Smart Supermarket. Kien se mai jinkombi fuq l-assocjazzjoni attrici, li wara kollox qed taghmel l-allegazzjonijiet odjerni, li tipprova illi dawn il-prodotti kienu verament gew suppliti lis-Smart supermarket fis-sena 2007. Wara kollox mhuwiex impossibbli li dawn il-prodotti kienu baqghu fuq l-ixkafef jew fl-istores ghal diversi xhur sas-sena 2007. L-ahjar prova f’dan ir-rigward kien ikun xi rapprezentant tal-Smart Supermarket li setgha jixhed dwar meta giet fornita lilha din il-merkanzija. Gjaladarba dan ma sarx, it-Tribunal jidhirlu li ghandu jistrieh fuq dak li xehedet Pauline Cini. Ghal dawn il-motivi, l-ammont mitlub minghand il-konvenut ghas-sena 2007 huwa kompletament infondat.

Illi fir-rigward ta’ l-ammont li qed jintalab minghand il-konvenut ghas-sena 2006, it-Tribunal jidhirlu li kif gja inghad, jekk l-istatut ma wasalx ghand il-konvenut kif suppost, ma kien hemm l-ebda mod kif il-konvenut seta kien jaf bil-klawsola gdida 7(3), almenu sakemm ma rceviex l-ittra ta’ l-avukat tal-assocjazzjoni, liema ittra hija esebita bhala Dok. VA1 u tinsab a fol. 59 tal-process. Din l-ittra ggib id-data tat-28 ta’ Ottubru 2006, u kif gja inghad il-konvenut kien gja waqaf jissupplixxi il-Smart Supermarket f’Mejju 2006. Huwa dubbjuz kemm seta’ l-konvenut f’dak l-istadju jnehhi l-prodott tieghu minn fuq is-suq. Skond Pauline Cini, kien jitwahhal sticker fuq il-barcode sabiex dan ma jkomplix jidher. Dan ukoll ma giex kontradett mill-assocjazzjoni attrici hlief bir-ritratti fuq imsemmija, meta l-ahjar prova kienet tkun rapprezentant ta’ Smart Supermarket li forsi jitfa dawl fuq dawn id-dubbji kollha li skontra t-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u jichad it-talba attrici kif dedotta kontra tieghu. L-ispejjes

kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-assocjazzjoni attrici."

L-Assocjazzjoni attrici appellat minn din is-sentenza biex ticcensura principalment il-valutazzjoni tal-fatti maghmula mit-Tribunal u r-ragonament minn dan maghmul ta' dawk il-fatti;

Fl-istanza taghha quddiem it-Tribunal l-Assocjazzjoni tikkampa l-pretensjoni taghha ghall-hlas tariffarju tas-shubija mill-konvenut ghas-snin 2006 u 2007 in bazi ghall-allegazzjoni illi, nonostante r-rizenzja tieghu mill-Assocjazzjoni fl-2005, dan issokta jispacca prodotti tieghu bil-*Barcode* allokat lilu mill-Assocjazzjoni bi ksur ta' l-artikolu 7.3 ta' l-Istatut kif emendat fil-laqgha generali ta' l-Assocjazzjoni fit-28 ta' Marzu, 2005. Hu provvdut minn dan l-artikolu illi "*In the case of use of barcoding, any member that decides to resign from the Association, shall ensure that no products featuring a product with a prefix used by GS1 Malta is present on the market. Companies will be liable to pay GS1 Malta a fee equivalent to the annual licence fee for the period that those products remain in the marketplace*";

L-Assocjazzjoni tikkwalifika dan l-artikolu bhala penali. In linea ta' principju generali ta' dritt il-klawsola penali ghandha funzjoni rizarcitorja, diretta biex tiffissa preventivament l-ammont tar-rizarciment tad-dannu fil-kaz ta' nuqqas ta' adempiment jew ta' dewmien fl-adempiment. (Ara "**Geraldo Vella -vs- Avv. Dr. Joseph Fenech Adami *et nomine***", Prim Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru, 1957). Hi punittiva in kwantu, kif ritenut, "*essa quindi riveste il triplice carattere di obbligazione accessoria, di mezzo coercitivo e di indennizzazione convenzionale*" ("**Goffredo Chretien *nomine et* -vs- John Ciancio**", Appell Kummercjali, 13 ta' April, 1921), u "ghalhekk min jobbliga ruhu taht penali li josserva l-obbligi minnu assunti hu obbligat ihallas dik il-penali jekk ma jipprovax hu illi kien hemm xi raguni li tezentah minn dik il-

penali" ("**Nicola Callus *et* -vs- Nicolina Farrugia**", Appell Civili, 5 ta' Gunju, 1959). Wisq ragonevolment, l-interpretazzjoni tal-klawsola penali trid tigi kompjuta restrittivament fis-sens illi ghandu jkollha applikabilita biss ghal dawk l-obbligazzjonijiet ghal liema tirreferixxi b'certezza;

Huwa utli li jigi aggunt ma' dan premess, dejjem f'tema ta' dritt, illi r-responsabilita` tad-debitur ta' l-obbligazzjoni ghandha tigi eskluza u l-klawsola penali ma tistax tigi azzjonata, mhux biss fejn l-inadempiment hu determinat minn impossibilita` tal-prestazzjoni ghall-kawza mhux imputabbli lid-debitur, izda wkoll meta tirrizulta gustifikazzjoni minhabba xi inadempiment tal-parti kuntrarja. Evidentement, jinkombi fuq l-Assocjazzjoni attrici li taghti prova konvincenti ta' l-allegat ksur ta' l-obbligazzjoni da parti tal-konvenut, debitur taghha;

Hi l-fehma ta' l-Assocjazzjoni attrici fil-kontestazzjoni tas-sentenza appellata illi r-responsabilita` tal-konvenut tiddixxendi mill-fatt illi l-konvenut, li biegh prodotti bil-*barcode*, kien jaf li kien obbligat li jnehhi l-*barcordes* minn fuq il-prodotti tieghu ankorke ma kienx konxju mill-emendi fl-Istatut ghaliex, *ex admissis*, beda jghattiha b'tikketta fuqha. Hi tinsisti illi l-konvenut kien responsabbli li jattendi ghal laqgha generali fejn iddahhlet l-emenda (28 ta' Marzu, 2005) qabel ma baghat ir-rizenja tieghu fl-20 ta' Lulju, 2005 u, barra minn dan, li ma kien jirrizulta ebda dover fuqha li tibghatlu kopja ta' l-Istatut kif emendat. Finalment, tissottometti wkoll illi l-konvenut m'ghandux jithalla japprofitta ruhu mill-fatt illi l-avvizi ma kienux jintbaghtu bil-posta;

Naturalment, dawn is-sottomissjonijiet ta' l-Assocjazzjoni huma intizi biex jew jirripellaw id-difiza tal-konvenut jew bhala mezz gustifikattiv tal-fatt kostituttiv tat-talba in bazi ghar-rizultanzi istruttorji illi:-

1. Skond Pauline Cini, mart il-konvenut, huma ma nghatawx kopja ta’ l-Istitut (fol. 42);

2. Dejjem skond din l-istess xhud, peress li kienet sehhet ir-rizenja ma dehrilhomx li ghandhom javzaw lill-Assocjazzjoni ili kienu rrangaw biex jitwahhlu “*stickers*” fuq il-*barcode* (fol. 57);

3. Skond ix-xhud Maryanne Camilleri ghall-Assocjazzjoni, min ma jigix ghal laqagha ma jinghatax kopja ta’ l-Istatut kif emendat. Dan anke fil-kaz tal-konvenut ghax dan ma attendiex ghal dik il-laqgha (fol. 52);

Premess dan, l-attribuzzjoni konferita mil-ligi lill-Gudikatur hi dik li jiggudika l-kaz quddiemu skond l-ekwita`. Dan l-attribut ovvjament ma jipprekludihx milli jattribwixxi interessi magguri lill-fatti fuq kull patt konvenzjonali, jekk il-principju tal-valutazzjoni prudenti tal-fatti kien hekk jissuggerulu fil-kuxjenza tieghu li jaghmel. F’dan il-kaz jidher li r-regola tal-gudizzju adottat mill-Gudikatur, b’riferiment ghall-kaz konkret, u tal-fattispeci pekuljari tieghu, inducewh jippresta affidament lix-xhieda tal-parti konvenuta. Dan, forsi mhux minghajr raguni, meta konsiderat skond l-ahjar regola tal-bwona fede, illi kellhom jitharsu d-dover ta’ l-informazzjoni, tal-kjarezza, tal-lealta` u tal-korrettezza ma’ dawk il-membri li, hi x’inhi r-raguni, m’attendewx ghal-laqgha. Dan ir-riljev qieghed jigi enfasizzat ghaliex, fil-hsieb tal-Qorti, il-bwona fede f’dan il-kaz kellha, oggettivament, jkollha spazju aktar wiesgha minn dik tal-klawsola penali inserita fl-Istatut u li, fuq l-istat tal-provi, ma kienetx a konoxxenza tal-konvenut;

Certament, l-ekwita ma tfisserx diskrezzjonalita assoluta, kif lanqas ma tfisser li l-Gudikatur ghandu joffri soluzzjonijiet inkoerenti ma’ l-elementi tal-fatti stabbiliti. Kien ghalhekk li din il-Qorti irriezaminat il-provi biex taccerta fl-ewwel lok jekk it-Tribunal oltrepassax il-limiti tad-diskrezzjoni tieghu u, fit-tieni lok, biex tikkontrolla jekk fuq il-bazi tal-provi dan wasalx ghall-motivazzjoni inkongruwa jew illogika. Skond il-fehma ta’ din il-Qorti, ma jokkorrilhiex illi ghandha ticcensura lit-Tribunal dwar il-

perkors logiku-guridiku tad-decizjoni tieghu. Ikollu jinghad bi twegiba ghal certa sottomissjoni ta' l-Assocjazzjoni appellanti illi l-fatt lil-konvenut beda jghatti l-*barcode* bi *sticker* ma jfisserx bilfors illi huwa kien xjenti mit-tibdil ta' l-Istatut ghaliex jista' jkun, kif x'aktarx kien il-kaz, illi ghal dan tezisti spjegazzjoni plawsibbli fis-sens illi, la l-konvenut kien irrizenja, huwa hass li kellu hekk jaghmel, proprju ghaliex ma kienx baqa' membru fl-Assocjazzjoni;

Hemm imbaghad raguni ohra ghaliex il-klawsola penali f'dan il-kaz m'ghandhiex tkun applikabbli fil-kaz tal-konvenut, anke jekk din tidher li sfuggiet lill-partijiet, u mhux l-anqas lit-Tribunal innifsu. L-artikolu 7.3 ta' l-Istatut jippreskrivi li huma l-"companies" responsabbli ghall-hlas ekwivalenti ghal-*licence fee* annwali u mhux ukoll l-ex membri ta' l-Assocjazzjoni. Fit-tifsira ordinarja taghha din il-kelma tabbraccja dawk il-korpi ffurmati u registrati b'personalita` guridika distinta minn dawk tal-membri taghhom. Il-konvenut ezercenti l-kummerc taht "*trade name*" ma jidherx li jista' jitqies "kumpanija", jew almenu ma saretx il-prova relattiva li dan hu hekk il-kaz;

Mhux inopportun li jigi hawn ripetut dak drabi ohra mtenni, ukoll jekk b'mod generali u cjoe, li "*quando insorgono difficolta sulla intelligenza della condizione di un contratto e sulle sue conseguenze, la legge fornisce alcune norme indicative e dimostrattive e criteri direttivi, come mezzi d'interpretazione, senza vincolare la liberta` del giudicante tenuto a prendere in calcolo le circostanze speciali in ciascun caso*". Dan l-insenjament ultra sekolari nsibuh fid-decizjoni fl-ismijiet "**Elena Micallef -vs- Edoardo Ciantar**", Prim Awla, Qorti Civili, 3 ta' Jannar, 1884 u jista' jservi ta' gwida idoneja anke ghal kaz *de quo* fl-aspetti kollha tieghu.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu a karigu ta' l-Assocjazzjoni attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------